6 ta' Diċembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Benedetto Axisa *versus* Carmelo Galea

## Azzjoni Redibitorja — Azzjoni Estimatorja — Bejgħ — Vizzji Okkulti — Annimali — Baqra — Mard — Art. 1477 tal-Kodiċi Ċivili

*Apparti milli anki għall-azzjoni estimatorja jeħtieġ li jkun hemm difett okkult fl-oġġett mibjugħ, li fil-każ ta' annimali, bħal ma hija baqra, jista' jkun jikkonsisti anki f'marda, l-għażla bejn l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni estimatorja tmiss lix-xerrej; u għalhekk mhix aċċettabbli l-allegazzjoni tal-konvenut f'azzjoni redibitorja ezerċitata kontra tiegħu mix-xerrej, illi sempliċi marda tal-baqra li huwa biegħ lill-attur tagħtieħ dritt għall-azzjoni estimatorja, u mhux għall-azzjoni redibitorja. Il-konvenut ma jistgħax jindaħal lix-xerrej fl-għażla tal-azzjoni li je-*

*eżerċita; salva dejjem il-kwistjoni jekk ikunux jirrikorru r-rekwiżiti meħtieġa skond il-liġi għall-azzjoni eżerċitata.*

*j*

*Id-difett fil-ħaġa mibjugħa irid ikun jeżisti fil-mument tal-bejgħ, u biż-żejjed ikun jeżisti f'dak il-mument; u għalhekk xejn ma jiswa li in segwitu l-baqra li kienet marida fieqet, ladarba d-difett kien pre-eżistenti għall-bejgħ.*

*Ix-xerrej mhux obligat jagħmel prova speċifika tad-difett li kellu l-oġġett minnu mixtri; u biżżejjed li jipprova li l-oġġett ma kienx tajjeb għall-użu tiegħu.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi xtara minn għand il-konvenut baqra ta' xi sentejn fl-10 ta' Awissu 1956, bil-prezz ta' £130, liema prezz ġie mħallas; u billi din il-baqra ma riedetx tiekol, anki wara li wildet għoġol, u baqgħet ma tiekolx sakemm iddepożta din il-baqra taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fil-31 ta' Awissu 1956, u l-veterinarju ċċertifika li din il-baqra mhix f'saħħitha; talab li l-konvenut, għar-raġunijiet fuq imsemmija, premessa d-dikjarazzjoni li l-baqra mibjugħa lilu ma kienetx f'saħħitha, u għalhekk difettuża, jiġi kundannat mill-Qorti jieħu lura l-baqra u l-għoġol u jirrestitwixxi l-prezz ta' £130; salv id-dritt tiegħu għall-ispejjeż li għamel tat-tabib u spejjeż oħra. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Awissu 1956 u taċ-ċedola tad-depożitu tal-31 ta' Awissu 1956;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta li l-baqra in kwistjoni ma kienetx f'saħħitha, billi kellha xi ħadid fil-kirxa li, parti minħabba ċ-ċaqlieq tal-vjaġġ bit-truck minn għand il-konvenut għal għand l-attur, u parti minħabba l-istat ta' gravidanza avanzata tal-

baqra, li ġġib pressjoni kbira fl-abdomen, ipperfora l-kirxa u kkawża *"traumatic peritonitis"; u din il-konklużjoni l-*perit ibbażaha prinċipalment fuq il-kors protratt tal-marda, b'temperatura għolja għal żmien twil li ma rrendietx għat-trattament bil-pilloli u injezzjonijiet antibiotiċi, u fuq il-fatt li l-baqra reġgħet bdiet tiekol gradatament wara xi tletin ġurnata:

Illi l-konvenut ikkontesta l-konklużjoni peritali, tant bil-miktub bin-noti tiegħu fol. 30 u 47, kemm fit-trattazzjoni orali tal-kawża; u għalhekk xieraq li l-obbjezzjonijiet tiegħu *jiġu eżaminati separatament;*

Illi fid-dibattitu orali l-konvenut issottometta li semplici marda, bħal ma jippretendi li hi dik konstatata mill-perit, ma tagħtix lok għall-azzjoni redibitorja, eżerċitata mill-attur, iżda, talvolta, għall-azzjoni estimatorja, għar-restituzzjoni ta' parti mill-prezz minnu mħallas. Din is-sottomissjoni mhix aċċettabbli; għaliex, apparti li anki għall-eżerċizzju tal-azzjoni estimatorja hemm bżonn li jkun hemm difett okkult, u b'hekk il-konvenut qiegħed jir-rikonoxxi *li dan jista' jkun anki marda,* huwa ormaj paċifiku fil-leġislazzjoni moderna li l-għażla bejn iż-żewġ speċi ta' azzjonijiet tikkompeti biss lix-xerrej; dan jidher mill-lokuzzjoni ċara tal-art. 1477 Kod. Ċiv., korrispondenti għall-art. 1501 tal-Kodiċi Ċivili Taljan u għall-art. 1644 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż; fejn jingħad illi "il compratore ha la scelta......" F'dan is-sens esprimiet ruħha d-dottrina. "Il solo compratore", jinnota Pacifici Mazzoni, "può essere giudice se, non ostante il vizio o difetto che rende la cosa non atta all'uso cui è destinata, o ne diminuisce l'uso medesimo, l'avrebbe comprata o anche offerto un prezzo minore. Egli solo può decidere quale dei due partiti gli convenga meglio, sia per la ragione generale d'interesse, sia per altri speciali motivi" (Vendita, I, §264). U konsegwentement skond Gasca, "il compratore proporrà, in ogni caso quell'azione che più gli profitta, ed il venditore non potrà sottrarvisi, non potrà cioè pretendere che, essendo il vizio di poca gravità, debba il compratore limitarsi ad una ra-

gionevole riduzione del prezzo" (Compra-Vendita, II, §1571). U, kif josserva l-Laurent, "la ragione che sembra aver determinato il legislatore è che sarebbe molto difficile l'apprezzare l'intenzione del compratore; come sapere se avrebbe comprato una cosa il cui uso è diminuito da un vizio? Il solo compratore può saperlo; bisognava dunque lasciargli la scelta fra le due azioni" (Diritto Civile, XXIV, §289);

Illi għalhekk il-konvenut ma jistgħax jindaħal fl-għażla tal-azzjoni magħmula mill-attur, salva dejjem il-kwistjoni jekk ta' dik l-azzjoni jirrikorrux jew le r-rekwiżiti meħtieġa skond il-liġi — kwistjoni li tidħol fil-meritu tal-kawża;

Illi l-konvenut, fin-nota tiegħu fol. 30, issottometta li l-baqra ma kienetx affetta min difetti, u li hija l-lum qawwija u f'saħħitha. Kwantu għaż-żmien li sar il-bejgħ, jirriżulta mill-perizja li d-difett kien hemm; kwantu għall-istat tal-lum, il-perit assikura bil-ġurament illi, jekk il-ħadid ma jinkapsulax ruħu, fl-ewwel gravidanza li jista' jkollha l-baqra jista' jipprovoka peritonite ġdida, jew perikardite, jew ħsara fil-pulmun (fol. 45). Del resto, huwa magħruf illi d-difett għandu jkun pre-eżistenti għall-bejgħ, u kwindi biżżejjed li jissussisti fil-mument li jsir il-bejgħ. "Si è agitata la quistione", jinnota Baudry-Lacantinerie, "se era necessario, perchè il vizio fosse redibitorio, che la cosa fosse non atta per sempre alla sua destinazione, o se bastava che essa sia attualmente. E' certo che la cosa deve essere atta alla propria destinazione al momento della vendita" (Vendita, §417, I);

Illi l-konvenut ikkritika wkoll ir-relazzjoni peritali għaliex ma saritx il-prova materjali permezz ta' strumenti li jistgħu javvertu l-preżenza ta' oġġetti metalliċi fil-baqra; dawn l-istrumenti, skond il-perit, ma jinstabux lokalment, iżda b'dan kollu l-perit seta' jasal għall-konklużjoni tiegħu fuq il-forza tal-indizji riżultati mill-provi. Wara kollox, l-attur mhux obligat li jipprova b'mod speċifiku d-difett li

għandha l-baqra; biżżejjed jiddimostra illi minħabba difett hija mhix tajba għall-użu tagħha. "In generale non deve aversi riguardo alla natura del vizio; dappoichè qualunque esso sia, il venditore ha mancato sempre alla sua obbligazione di dare cosa non viziata nè difettosa" (Pacifici Mazzoni, op. ċit., §259);

Illi lanqas hija sostenibbli l-marda morali allegata mill-konvenut, dovuta għat-tibdil tal-ambjent u għat-temperatura sħuna tal-istaġun; din ġiet eskluża mill-perit (fol. 45 u 45 tergo);

Illi lanqas huwa aċċettabbli li kull ma ġara kien dovut għall-gravidanza; irriżulta difatti, mix-xhieda tal-veterinarju Dr. Andrè Cassar (fol. 14), illi l-istat tal-gravidanza ma jneħħix l-aptit għal kollox, u li l-baqra, anki wara li wildet, baqgħet ma tiekolx;

Illi, eliminati l-obbjezzjonijiet tal-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma li l-baqra kienet, fiż-żmien li sar il-bejgħ, affetta minn vizzju jew difett gravi li jnaqqas notevolment l-utilità tagħha; dan id-difett ma kienx jidher; u kien jeżisti qabel il-bejgħ, kif konfermat miċ-ċirkustanza li l-baqra, wara l-konsenja lill-attur, u almenu għal xi 30 ġurnata, qatt ma kielet regolarment;

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tal-konklużjonijiet peritali;

Tilqa' t-talbiet tal-attur; bl-ispejjeż.